Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Numru: 247/2015

Il-Pulizija

(Spettur Jurgen Vella)

vs

**David Norbert Schembri**

Illum, 18 ta' Frar, 2020.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Norbert Schembri, iben Anthony Schembri, imwieled Pieta', fil-15 ta' Settembru, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 369676 (M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-1 ta' Gunju, 2010, ghall-habta ta' xi 9:10am waqt li kien hdejn l-M.I Room tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Noel Borg miz-Zejtun f' periklu car, ikkaguna ferita gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' l-istess Noel Borg, skond kif iccertifikaw Dr G. Bonnici MD, Reg. 3214 u Dr. D. Pirotta M.D. Reg. 3146 ta' l-isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-artikolu 214 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna debbulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gab difett permanenti f' parti tal-

ghamla tal-gisem (ghajnejn ix-xellugija) tal-istess Noel Borg u dan bi ksur tal-artikoli 217 u 218 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi zamm ghandu sikkina ta' kull xorta li tkun b' xafra, bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas l-gieh ta' Noel Borg weggghu bi kliem, b' gesti jew b' mod iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 252 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmi Noel Borg sabiex jinsulentah, iweggghu jew jaghmillu hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qabad strument li jaqta' u bil-ponta (xafra) kontra Noel Borg u dan bi ksur tal-artikolu 339(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-kliem insulenta u hedded lil Noel Borg u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli b' hekk titqies recidiv b' diversi sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qrati ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tapplika id-dispozizzjonijiet tal-Art 33a tal-Kap 9.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Noel Borg u l-familjari tieghu u tapplika l-provvedimenti ta' Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-8 ta' Mejju 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215, 217, 218, 338 (dd), 339 (d), 339(b), 49, 50, 17 ,30, 31 u 33 A tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 13(1) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6), u tas-seba' (7) mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva u kkundannatu seba' (7) snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tar-raba' (4) u tat-tmien (8) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti rabtet lill-imputat b' obbligazzjoni personali ghal zmien tnax (12) il-xahar millum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta jew jivvessa lil Noel Borg.

Rat ir-rikors tal-appellanti David Norbert Schembri minnu pprezentat fit-18 ta' Mejju, 2015 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma fejn sabitu mhux hati, tirrevokaha dwar l-applikazzjoni ta' l-Artiklu 33 A tal-Kap 9, tirrevokaha fejn sabitu hati ta' ferita gravissima minghajr ebda attenwanti u minflok tikkoncedi l-attenwanti inkluz dak ta' l-Artiklu 227 (a) u 227 (d), tikkonferma dwar l-Artiklu 13 (1) tal-Kap 66, jigi ddikjarat li t-tieni mputazzjoni hija kompriza w involuta fl-ewwel akkuza u tibdilha dwar il-piena billi minflok taghti dik il-piena jekk ghandha tinghata piena li tixraq ghal kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. **Applikazzjoni ta' I-Artiklu 33 A tal-Kodici Kriminali.:**

L-Ewwel Onorabbli Qorti applikat dan l-Artiklu 33 A tal-Kodici Kriminali. Waqt li l-Artiklu 33 A kien inkluz fl-imputazzjonijiet migjuba mill-Ispettur, fir-rinviju ta' l-Avukat Generali, l-Artiklu 33 A ma jikkonfigura mkien.

Issa huwa risaput meta Qorti Istruttorja tigi konvertita f' Qorti ta' Gudikatura Kriminali li jkun hemm rinviju da parti ta' I-Avukat Generali l-Qorti tal-Magistrati tkun marbuta strettament bl-Artikoli citati mill-Avukat Generali. La l-Artiklu 33 A anke skont l-istess sentenza ma jikkonfigurax fl-Artikoli dedotti ma setghetx il-Qorti tiehdu in konsiderazzjoni. Dan l-Artiklu jgib zieda fil- piena minn grad sa zewg gradi. Kwalunkwe argument iehor ikun zejjed ghaliex hija mhux biss ilLigi imma gurisprudenza kostanti li I-Qorti tal- Magistrati marbuta bl
Artikli ta' l-Avukat Generali.

**2. Ne bis in idem**

L-esponenti qajjem l-eccezzjoni li huwa kien diga' ha l-kastig tieghu meta tqieghed sitt xhur fic-cella bhala kastig u dana f' Division 6. Division 6 hija, kif jirrizulta mill-istess sentenza, post tal-kastig, kull min ikun hemm ghandu inqas privileggi minn haddiehor u anke l-ambjent illi fih jghix huwa verament ta' hruxija. Fuq dan xehed il-Maggur James Abela illi minghajr tlaqliq qal illi I-appellanti tnizzel bhala kastig.

L-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza qalet illi kuntrarjament ghal gurisprudenza citata, fil-kaz ta' David Norbert Schembri ma kienitx kastig moghti minn Bord imma kien kastig moghti mid-Direttur. It-test jekk hemmx Bord jew le huwa irrilevanti. Il-Kodici Kriminali, il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea jitkellmu fuq li l-bniedem m' ghandux jinghata kastig darbtejn, jinghata minn min jinghata. Jekk huwa tqieghed ghal sitt xhur f' kastig ta' detenzjoni specjalissima fil-habs allura ma jistax jinghad illi ma kienx gie kkundannat minn Awtorita' Pubblika ghal fatt illi kien ghamel.

L-esponenti jaghmel referenza ghal sentenzi kemm lokali citati millistess Qorti tal-Magistrati u kemm tal-gurisprudenza estera specjalment tal-Qorti Ewropea dwar il-punt. Ricentement kien hemm ukoll provincjament mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Fabio Zurian fit-12 ta' Mejju, 2015 fejn wiehed ukoll in konsiderazzjoni xi jfisser in-ne bis in idem.

**3. Provokazzjoni u Attenwanti**

Jidher illi l-Ewwel Onorabbli Qorti fuq il-Provokazzjoni skont l-Artiklu 227(a), interpretat il-provokazzjoni taht l-Artiklu 227 (c). Filfatt l-esponenti fuq il-provokazzjoni semma l-Artiklu 227 (a) u li naturalment huwa distint minn dak li jinghad fl-Artiklu 227 (c).

L-Artiklu 227 (a) ma jaghmilx il-kriterji li hemm fl-Artiklu 227 (c). L-Artiklu 227 (c) gie emendat ricentement, u ghalhekk proviso tieghu ma giex res applikabbli la taht l-Artikolu 227 (a) u lanqas taht l-Artiklu 227 (b). It-tlett ipotesijiet huma distinti minn xulxin. L-Artiklu 227 (a) jitkellem fuq provokazzjoni ta' min isofri ferita gravi li tkun punibbli ghal aktar minn sena prigunerija. Jirrizulta mill-Atti illi l-appellanti kien issawwat u kellu feriti ta' sfregju fuq wiccu punibblu massimu ta' tliet snin shah u dan kien kkawzat minn Noel Borg. Issa fil-kwadru ta' dawn il-fatti meta wiehed jitkellem fuq provokazzjoni l-Ligi ma tpoggix dan l-Artiklu meta tkun saret dik il-provokazzjoni. Qabel ma gie emendat dak l-Artiklu 227 (c) il-kliem mental excitement kien gie interpretat fis-Sentenza Repubblika ta' Malta vs Martina Galea mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Superjuri) illi l-provokazzjoni ma kienitx necessarjament issir f' dak il-mument. Multo magis ma hemm l-ebda mposizzjoni li l-provokazzjoni issir dak il-hin that is-subinciz (a). Bniedem jista' jibqa' jhossu mwegga' b' dak li jkun gralu u t-tbaqbiq taddemm tieghu jkun ghadu ghaddej.

Issa f' dan il-kaz partikolari hemm elementi li sahansitra jgibu in applikazjzoni l-Artiklu 227 (d). Mill-esperti Psikjatrici jinghad illi filmument illi agixxa l-appellanti huwa kien taht biza u anzjeta' . L-Artiklu jsemmi biza jew twerir imma hawnhekk

ghandna l-perizja bi tlett esperti illi dan il-fatt stabbilitu. In oltre hemm il-kwistjoni tal-anacroid cyst. Din taffettwa l-personalita' .

Kif xehed l-ispecjalista Dr. Abela tista' taffettwa l-personalita' ta' persuna u dan jirrizulta mill-istess sentenza.

Meta ikun hemm prova illi tkun fil-grad mediku ta' possibilita' teskludi ccertezza illi dik l-anacroid cyst ma kellha l-ebda effett fuq il-personalita' tieghu. Mehud il-kwadru kollu ghalhekk u kien applikabbli fuq il-fatti kemm il-paragrafu (a) u kemm il-paragrafu (d) ta' l-Artiklu 227. Jirrizulta car u tond illi din kienet istigata minn provokazzjoni. Noel Borg qieghed jipprova jkabbar l-affarijiet ghax anke minkejja dak kollu li qieghed jghid it-telf tal-vista tieghu mhux totali. Illi kif giet id-daqqa wkoll turi illi hija mhux daqshekk immirata. Anke l-oggett illi ntuza juri kemm kien hemm biza u twerwir da parti ta' l-Appellanti f' dak kollu li ghamel.

**4. Dwar il-piena**

Il-piena kienet assolutament gravuza. Diga' inghad illi gie applikat kontra l-Appellanti l-Artiklu 33 A li ma giex citat mill-Avukat Generali imma anke kwistjoni ta' recidiva li giet applikata u l-piena anke filkwadru ta' persuna illi kienet fi stat ta' biza ghal inkomolita' taghha kif ukoll fi kliem l-espert James Abela b' tumur jew cesta f' mohhu li tista' taffettwalu l-personalita' tieghu dan gie ghal kollox eskluz.

Illi mhassar l-Artiklu 33 i ma giex citat mill-Avukat Generali -Qorti hija f' qaghda li tezamina il-personalita' ta' I-appellanti u konsegwentement taghmel valutazzjoni anke permezz ta' social worker jew probation officers halli jezaminaw l-andament ta' l-istess David Norbert Schembri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet lill-partijiet jittrataw l-ewwel aggravju imressaq mill-appellant u lill-istess partijiet jitolbu lil Qorti tghaddi ghas sentenzza taghha in parte limitatament fuq l-ewwel aggravju.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant isostni fl-ewwel aggravju tieghu li l0ewwel Qorti ma messitx hadet in konsiderazzjoni 0artikolu 33A tal kapitolu 9 meta giet biex tghati is-sentenza taghha stante li tali artikolu ma kienx indikat fir-rinviju tal-Avukat Generali li sar ai termini tal-artikolu 370 (s) talkap 9 tal-ligijiet ta Malta nhar l-24 ta Gyunju 2011.[1]

Illi minn esami ta dan ir-rnviju jirrizulta li huwa minnu dak li stqqar l-appellant li l-Avukat Generali ma indikax dan l-artikolu fl-atikoli li indika sabiex il-Qorti tkun tista issib htija.

Illi dan l-artikolu jipprovdi ghal zieda fil-piena ghar-reati li jsiru minn prigunier. L-artikolu 33A.(1) jipprovdi s-segweni:-

*"Meta jsir xi reat minn persuna waqt li tkun priġunier il-piena għal dak ir-reat fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probationma għandhomx japplikaw"*.

Ghalhekk ma hemmx dubbju li f'kaz ta htija skond dan l-artikolu f'kaz ta htija f'kaz li l-akkuzat ikun kkometta r-reat waqt I ikun prigunier ghandu ikun hemm zieda fil-piena bi grad jew tnejn.

[1] Fol. 189 ta l-atti

L-Avukat Generali dwar dan l-aggravju ma qal xejn salv li irrimetta ruhu ghal gudizzju ta din il-Qorti u ghall-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Jinghad li bhala principju kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs. Michael Carter**[2] in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370, ghandha rwol simili ghal dak ta' l-Att ta' Akkuza quddiem il-Qorti Kriminali w ghalhekk tapplika r-regola, dezunta mill-Artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali, li ma kellu jsir xejn fl-Att ta' l-Akkuza kontra l-akkuzat li jaghmel izjed gravi r-reat .

Illi l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, indika diversi artikoli tal-Kodici Kriminali izda ma indikax l-artikolu 33A ta' l-istess Kodici kif tajjeb osserva l-appellant. Indipendentement minn jekk din kienitx xelta voluta jew le, il-gurisprudenza fir-rigward ta' din in-nota hija cara u inkonfutabbli: il-Qorti tal-Magistrati ma tistax issib htija oltre l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu (vide, inter alia, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Vella**[3] , **Il-Pulizija v. Enrico Petroni et**[4]**.** , **Il-Pulizija v. Joseph Aquilina**[5] , u s-sentenza citata mill-Qorti tal-Magistrata [b' data zbaljata] **Il-Pulizija v. Michael Carter**[6]) fejn il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet spjegat id-distinzjoni bejn rinviju skond is-subinciz (3) ta' l-artikolu 370 u rinviju skond is-subinciz (5) ta' l-artikolu 433 tal-Kodici Kriminali).

Illi l-Qorti tal-Magistrati ghaddiet biex izzid il-piena bl-applikazjoni tal artikolu 33° tal kodici kriminali meta din l-artikolu ma sssemmiex fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali. Dan qed jinghad 'l ghaliex l-ewwel Qorti kienet konxja tal-fatt li l-Avukat Generali ma indikax dan l-artikolu fir-rinviju tieghu izda cio nonnostante l-ewwel Qorti xorta ghogbitha tapplika dan l-artikolu minkejja in-nqqas ta' citar tieghu fir rinviju. Din hija bl-akbar rispett mankanza serjissima.

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta Dicembru, 2001.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Janna,r 1996
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Gunju, 1998
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-24 ta'' April, 2002
[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Dicembru, 2001

Il-gustifikazzjoni – jekk hekk tista' tissejjah – moghtija mill-Qorti tal-Magistrati hi li d-dicitura wzata fic-citazzjoni "hija bazata fuq l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali pero stnte lifil-fehma taghha l-akkuat hu prigunier dan ifissesr li ghandha tapplika l provediment tal-artikolu 33° tal kodici Kriminali awtomatikament stante li dan il-provediment jittratta biss fuq kwistjoi ta pieena u mhux fuq sustanza ta akkuza gdida. Dan ir-ragunament huwa kompletament zbaljat u diametrikament oppost ghal dak li tghid il-gurisprudenza taghna in materja ta' rinviju fit-termini tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 33A ma gie qatt indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu u ghalhekk ma kellha ssir ebda konsiderazzjoni fir-rigward.

Illi skond gurisprudenza kostanti, meta r-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 370 tal-Kodici Kriminali, in-nota ta' dan ir-rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Huwa bl-akbar rispett assurd li wiehed jipprospetta verdett tal-gurati b' dikjarazzjoni ta' htija fi tlett kapi ta' l-att ta' l-akkuza meta effettivament l-att ta' l-akkuza ikun jikkontjeni biss zewg kapi! L-argumentazzjoni tal-Qorti tal-Magistrati fis-sentenza appellata jiddipartixxi minn kwalunkwe regola stabbilita fil-gurisprudenza kemm dwar ir-rwol tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali u l-att ta' l-akkuza kif ukoll kull regola ta' logika legali u smigh xieraq.

Illi terga' fatt iktar gravi minn hekk, u presumibilment fatt indott mill-izball dwar ir-rwol tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali, huwa s-sejbien ta' htija fic-cirkostanza aggravanti kontemplata f l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali – il-piena applikabbli ghall-kommissjoni ta' reati  minn persuna waqt li tkun priġunier fil-każ ta' sejbien ta' ħtija għandha tiżdied bi grad jew tnejn u d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 21 u 28A u tal-Att dwar il-Probationma għandhomx japplikaw. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li cirkostanza aggravanti trid necessarjament tigi indikata fl-akkuza. F' dan il-kaz dan ma sarx u kienet ghalhekk zbaljata l-Qorti meta sabet htija wkoll f' din ic-cirkostanza aggravanti.

Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francesco sive Godwin Scerri**[7], l-artikoli indikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju jirriflettu l-imputazzjonijiet originali. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni differenti, l-artikoli citati mill-Avukat Generali u l-akkuza originali jridu jigu ezaminati flimkien ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz[8]. F' dan il-kaz fl-akkuzi originarjament migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva – l-artikolu 33A tal-Kodici Kriminali ma giex indikat mill-Avukat Generali  fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju li hija riflessjoni ta' l-akkuzi mahruga mill-pulizija esekuttiva – imkien ma kien  hemm referenza ghal xi cirkostanza aggravanti kif  kontemplata fl-imsemmi l-artikolu 33° li  kienet qed tigi addebitata lill-esponenti. U ghalhekk ma setghetx il-Qorti tal-Magistrati tmur oltre *"l-fattispecji partikolari tal-kaz"* kif prospettati fic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud**[9], fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess. Konferma ta' dan temergi mill-prassi kostanti segwita kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Avukat Generali li jinkludu dan l-aggravanti [ta' pussess aggravat] expressis verbis fl-akkuza jew citazzjoni quddiem il-Qrati tal-Magistrati kif ukoll fl-atti ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Biex tista' tinstab htija ta' l-aggravanti hemm bzonn li dan ikun jifforma parti integrali mill-akkuza.

Illi l-procedura skond l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom x' Jaqsmu Maghha (Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta) hija differenti minn dik

[7] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar  r it-18 ta' April 2012
[8] vide wkoll, *passim*, is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija v. William Gatt deciza nhar is-07 ta' Marzu 2012
[9] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-29 ta' Marzu 2007

tal-procedura inter alia ta' kagunar ta feriti gravi . Però il-principju, kif jirrizulta mill-partijiet sottolineati, jibqa' l-istess. Bizzejjed jinghad li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Cini**[10], fejn l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, kien semma l-artikolu 279 tal-Kodici Kriminali minghajr ma iddistingwa bejn il-paragrafu (a) u l-paragrafu (b) ta' dak l-artikolu, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li, f' dawn ic-cirkostanzi, ghandha tqis l-anqas fost iz-zewg kwalifici tal-valur fir-reat tas-serq. Effettivament, fil-kaz in dizamina, a parti dak li nghad supra dwar il-fatt l-akkuza originali trid tigi ezaminata flimkien ma' l-artikoli citati mill-Avukat Generali ghal dak li jirrigwarda l-fattispecji partikolari tal-kaz, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta' l-Avukat Generali ma saret ebda referenza specifika ghas-subinciz (2) ta' l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali. Certament f' dan il-kaz, fejn ukoll si tratta ta' disposizzjoni dwar piena, ghandu japplika l-istess principju.

Illi, finalment, is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel k/a Noel Demicoli**[11]effettivament telimina kull dubju li qatt jista' jkun hemm. F' dak il-kaz il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet irriteniet li l-Avukat Generali, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu, ma kellux ghalfejn jinkludi l-artikoli 222(1)(a) u 202(h) tal-Kodici Kriminali ghaliex dawn iz-zewg artikoli ma joholqu ebda reat per se izda huma biss artikoli li jelenkaw aggravanti tar-reat ta' offiza ta' natura hafifa u ta' reati ohra. Ir-reat dedott kien dak imsemmi fl-artikolu 221 li kien gie korrettement indikat fin-nota ta' l-Avukat Generali. Ghal-massimu, il-fatt li l-Avukat Generali ma semmiex dawn l-artikoli seta' biss igib il-konsegwenza li l-Qorti ma tistax issib htija tar-reat aggravat ghall-fini tal-piena u xejn aktar.

Illi ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati kienet kompletament zbaljata meta applikat l-artikolu 33 tal-Kodici Kriminali li ma kienx indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tieghu u, konsegwentement, fl-applikazzjoni tac-cirkostanza aggravanti. Huwa fatt inkofutabbli li, skond il-gurisprudenza indikata iktar ' il fuq, in vista ta' l-imsemmija nota ta' rinviju ghall-gudizzju, il-Qorti tal-Magistrati kellha taghti decizjoni esklussivament dwar ir-reati kontemplati fl-istess nota ta rinviju u

[10] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Frar 2001
[11] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-27 ta' Novembru 2008

xejn aktar. Kwalunkwe konsiderazzjoni oltre r-reati indikati mill-Avukati Generali kienet manifestament ultra vires.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ghaldaqstant f'dan l-istadju din il-Qorti trid tannulla ssentenza appellata u ghalhekk tibghat il-process lura lill-ewwel Qorti biex jigi rettifikat dan in-nuqqas fis-sentenza appellata li jikkonsisti filli dik il-Qorti ghamlet referenza ghall-artikolu 33A tal -kap 9 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovi ghal zieda fil-piena f'kaz lil-hati huwa rigunier,  meta effettivament ma kienx hemm referenza ghal dan l-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Generali tal-24 ta' Gunju, 2011

(ft) Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur